**6 ta' Mejju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Salvatore Lofaro

**Pussess Illeġittimu ta' Oġġetti tal-Kuruna — Prova.**

*Il-pussess ta' oġġetti tal-Kuruna, akkoppjat għall-prova ta' nuqqas ta' permess bil-miktub tal-Awtorità kompetenti biex jista' jiġi dispost minnhom, jikkrea l-preżunzjoni li dan il-pussess huwa illeġittimu; liema preżunzjoni, però, hija "juris tantum", u tista' tiġi nvalidata mill-provi tad-difiża. Iżda ma tikkostitwix, ċertament, prova kuntrarja għal dik il-preżunzjoni l-asserzjoni tal-imputat li hu xtara dawk l-oġġetti minn għand persuna li tagħha hu ma jistgħax jagħti, jekk mhux l-isem u l-kunjom, almenu xi konnotat identifikanti.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli f'Birżebbuġa, fl-aħħar jiem ta' qabel it-28 ta' Jannar 1961, żamm fil-pussess tiegħu oġġetti tal-Kuruna (tmien fliexken Indian Ink) li b'kollox jiswew 8s., mingħajr il-permess bil-miktub tal-Awtorità kompetenti; u barra minn dan bil-ħsieb li jaħbi l-proprijetà tal-Kuruna, iddistruġġa jew ħassar minn dawn l-oġġetti xi marki jew sinjali li juruhom bħala proprijetà tal-Kuruna;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti taż-17 ta' Marzu 1961, li biha sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u kkundannatu għall-multa ta' £5, iżda ma sabitux ħati tat-tieni imputazzjoni u lliberatu minnha, u ordnat il-konfiska tal-oġġetti eżibiti;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Ix-xhud Edgar Gulia qal:— "Minn dawn il-fliexken ma jinbiegħux f'irkantijiet pubbliċi mill-Ammiraljat". B'daqshekk saret prova suffiċjenti li ma kienx hemm permess li dawn il-fliexken tal-linka jiġi dispost minnhom; u għalhekk mhix applikabbli l-ġurisprudenza stabbilita bis-sentenza *App. Krim. "Pul. vs. Busuttil", 19 ta' Diċembru* 1941;

Kwantu għall-illeġittimità tal-pussess, hu elementari li l-pussess ta' oġġetti tal-Kuruna, akkoppjat għall-prova ta' nuqqas tal-permess fuq riferit, jikkrea preżunzjoni "juris tantum" ta' din l-illeġittimità; u din il-preżunzjoni ma ġietx invalidata b'ebda prova tad-difiża. Ma tikkostitwixxix ċertament ġustifikazzjoni l-asserzjoni tal-imputat li hu ma jafx minn għand min xtrahom, bla ma seta' jagħti, jekk mhux *isem u kunjom il-bejjiegħ, għall-anqas xi konnotat* identifikanti. Del resto, il-"label" fuq il-fliexken "de quibus" tidher "ictu oculi" (ammenokkè wieħed ma jkunx irid, għax konvenjenti għalieh, jagħlaq għajnejh sija għall-persuna tal-venditur kemm għas-sura tal-oġġett) manipolata talment li tagħti appuntu dak li jannunzja l-provenjenza u pertinenza tal-fliexken;

F'dawn il-kontinġenzi. il-konklużjoni li għaliha waslet il-Qorti tal-Ewwel Grad hi sewwa;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.